## Kummissjoni Festi Sliema

# MADONNA TAS-SACRO CUOR TAS-SLIEMA

F'għeluq il-100 sena ta' meta saret Parroċċa

*Brian Vigar - President Kummissjoni Festi Sacro Cuor tas-Sliema*





Din is-sena l-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, qegħda tiċċelebra il-100 sena ta' meta saret Parroċċa. Sena li fiha ser isiru ħafna avvenimenti li ser jibqgħu minsuġa fl-istorja ta' ħafna. Ftit ġimgħat ilu l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J.Scicluna ħareġ id-digriet li l-Istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor ser tiġi inkurunata u l-Parroċċa ser tgħola għad-dinjità ta' Santwarju. Dan l-avveniment ser iseħħ nhar id-29 ta' Settembru 2018, jum il-100 sena. Ser tiġi inkurunata l-istatwa tal-Madonna solennement mill-Arċisqof stess. Ilu ma jseħħ avveniment bħal dan f'Malta, fejn statwa titulari tiġi nkurunata, mis-sena 1973, meta ġiet inkurunata l-Bambina tax-Xagħra Għawdex, f'Settembru ta' dik is-sena.

Mill-bidu nett, meta Dun Pawl Vella beda d-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor, Omm il-Qalb ta' Ġesù, lura għas-sena 1877 li Tas-Sliema ħabbet lil dan it-titlu u dak kollu li kellu x'jaqsam magħha. Beda l-bini tal-Knisja, kif ukoll saret l-istatwa titulari fis-sena 1879 u nġiebet il-knisja tagħna fis-sena 1881, xogħol l-artist Malti Ġilormu Darmanin, u hija l-ewwel statwa titulari ġewwa Tas-Sliema. Hekk kif ħalla f'idejn il-Patrijiet Franġiskani, li bħall-Padruna tal-Ordni tagħhom hija l-Immakulata Kunċizzjoni, xerrdu iktar din id-devozzjoni u mħabba lejn il-Madonna Tas-Sacro Cuor, u dan baqa sa llum. Nsibu ħafna postijiet ma' Malta u Għawdex fejn insibu devozzjoni lejn dan it-titlu tal-Omm tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, fosthom Ħaż-Żabbar, l-Isla, il-Mellieħa, il-Furjana, il-Belt Valletta, H'Attard, is-Sannat, Għajnsielem, ir-Rabat Għawdex u l-Fontana fost oħrajn. Wara dawn is-snin kollha li missirijietna stinkaw u ħadmu, żgur li kulħadd jinsab ferħan li ser jara dan l-avveniment iseħħ ġewwa l-parroċċa tagħna u f'Tas-Sliema.



Nistiednu lilkom dilettanti tal-Festi u devoti tal-Madonna, sabiex tingħaqdu magħna f'dawn il-Festi Ċentinarji fejn ser niċċelebraw il-Festa Titulari fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju, kif ukoll Festa oħra fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru fejn fid-29 ta' Settembru niċċelebraw il-100 sena Parroċċa u l-Inkurunazzjoni.

Nieħu l-okkażjoni sabiex nawgura lilkom Festa sabiħa u devota, kif tafu tagħmlu ad unur il-Madonna tal-Ġilju. Nawgura wkoll lil Banda Sliema li ser tkun, wara ħafna snin nieqsa, tagħti servizz fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba.